

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/629

tal-4 ta' Novembru 2020

**li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) Nru 532/2014 u (UE) Nru 1255/2014 li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dettaljati għall-finijiet tal-awditjar u d-*data* li trid tiġi rreġistrata u tinħażen**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 13(6) u l-Artikolu 32(8) u (9) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 jippermetti li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jissupplimentaw l-elementi tiegħu li mhumiex essenzjali fir-rigward tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.
- (2) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 532/2014 <sup>(2)</sup> jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 rigward ir-rekwiżiti minimi għar-rekord tal-awditjar u dwar il-lista tad-*data* li trid tiġi rreġistrata u tinħażen fis-sistema mill-awtorità maniġerjali ma' kull operazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ, għall-evalwazzjoni, għall-ġestjoni finanzjarja, għall-verifika u għall-awditjar.
- (3) Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1255/2014 <sup>(3)</sup> jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 billi jistabbilixxi l-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista tal-indikaturi komuni.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2020/559 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> emenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata t-tifqigħa tal-COVID-19 b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2020/559 introduċa l-possibbiltà li l-Istati Membri jipprovdu ikel jew assistenza materjali bażika, jew it-tnejn li huma, b'mod indirett lill-persuni li jkunu l-aktar fil-bżonn, pereżempju permezz ta' kupuni, kards, jew strumenti oħra.
- (5) L-għotja indiretta ta' ikel u ta' assistenza materjali bażika permezz ta' kupuni, kards jew strumenti oħra tinvolvi diffikultajiet speċifiċi għall-implimentazzjoni meta mqabbla ma' sitwazzjonijiet meta din l-assistenza tingħata lill-persuni l-aktar fil-bżonn b'mod dirett. Għaldaqstant jixraq li jiġu previsti dispożizzjonijiet speċifiċi għall-iskemi li jipprovdu l-assistenza b'mod dirett f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti minimi għar-rekord tal-awditjar, biex tiġi aġġustata l-lista tad-*data* li trid tiġi rreġistrata u tinħażen fis-sistema mill-awtorità maniġerjali ma' kull operazzjoni ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, ġestjoni finanzjarja, verifika u awditjar, u biex tiġi aġġustata l-lista tal-indikaturi li jridu jiġu rrapportati mill-awtorità maniġerjali.
- (6) Biex jittaffew l-akbar riskji ta' irregolarità u frodi meta jingħataw l-ikel jew l-assistenza materjali bażika, jew it-tnejn li huma, permezz ta' kupuni jew kards fil-format ta' karti, jixraq li għal dawn il-każijiet jiġu previsti rekwiżiti minimi addizzjonali għar-rekord tal-awditjar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 532/2014 tat-13 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 54).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn billi jistabbilixxi l-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista ta' indikaturi komuni (ĠU L 337, 25.11.2014, p. 46).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/559 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata t-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 7).

- (7) Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament li huma mmirati biex jipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Delega (UE) Nru 532/2014 u (UE) Nru 1255/2014 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 532/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“L-Artikolu 3a

Ir-rekwiżiti minimi dettaljati għar-rekord għall-verifika dwar l-appoġġ li jingħata indirettament lil min hu l-aktar fil-bżonn, pereżempju permezz ta' vawċers, kards, jew strumenti oħra

(l-Artikolu 32(9) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014)

1. Minbarra r-rekwiżiti minimi dettaljati għar-rekords għall-verifika stabbiliti fl-Artikolu 3, ir-rekords għall-verifika tal-operazzjonijiet li jipprovdu ikel jew assistenza materjali bażika, jew it-tnejn li huma lill-persuni l-aktar fil-bżonn permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra f'konformità mal-Artikolu 23(4a) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 għandhom:

- (a) jippermettu li fuq il-bażi tar-rekords kontabilistiċi u d-dokumenti ta' sostenn miżmumin mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni, mill-awtorità maniġerjali, minn korpi intermedji u mill-benefiċjarji, jiġi rikonċiljat l-għadd totali ta' vawċers, kards, jew strumenti oħra li jkunu nħarġu mal-għadd totali ta' vawċers, kards jew strumenti oħra li jkunu twasslu lir-riċeventi aħħarin u ntużaw;
- (b) rigward il-kostijiet eliġibbli stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 26(2), jippermettu li l-ammonti aggregati ċċertifikati lill-Kummissjoni jiġu rikonċiljati mal-valur tal-vawċers, tal-kards, jew ta' strumenti oħra li jkunu ntużaw mir-riċeventi aħħarin;
- (c) jinkludu d-dokumenti li jikkonċernaw l-għotja ta' vawċers, kards, jew strumenti oħra lir-riċeventi aħħarin, id-distribuzzjoni tagħhom lir-riċeventi aħħarin, u l-użu tagħhom.

Għall-użu ta' kards, vawċers, jew strumenti oħra, ir-rekords għall-verifika għandhom juru li l-vawċers, il-kards jew l-istrumenti l-oħra ntużaw biss biex jinxtraw l-ikel jew l-assistenza materjali bażika, jew it-tnejn li huma.

2. Meta jingħata l-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika lil min hu l-aktar fil-bżonn permezz ta' vawċers, kards, jew strumenti oħra fil-format ta' fuq il-karta, ir-rekord għall-verifika għandu jinkludi wkoll dawn li ġejjin:

- (a) il-miżuri ta' sigurtà li jevitaw il-falsifikazzjoni, li jwettqu l-awtorità maniġerjali, il-korpi intermedjarji u l-benefiċjarji;
- (b) miżuri li jissalvagwardaw l-istokk tal-vawċers;
- (c) l-identifikazzjoni tal-korpi li jidentifikaw lir-riċeventi aħħarin u tal-korpi li jiddistribwixxu l-vawċers, il-kards jew l-istrumenti l-oħra lir-riċeventi aħħarin;
- (d) dokumentazzjoni li turi li l-vawċers, il-kards jew l-istrumenti l-oħra twasslu lir-riċeventi aħħarin.”;

- (2) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1255/2014 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

**Lista tad-*data* li trid tiġi rreġistrata u maħżuna f'forma kompjuterizzata fis-sistema ta' monitoraġġ (imsemmija fl-Artikolu 2)**

Id-*data* hija meħtieġa għal operazzjonijiet appoġġjati minn OP I u OP II <sup>(1)</sup> u għat-tipi kollha ta' konsenja sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fit-tieni kolonna.

<b>Kampi tad-<i>data</i></b>	<b>Indikazzjoni tat-tip ta' OP jew tip ta' konsenja li għalih mhijiex meħtieġa <i>data</i></b>
<b>Data dwar il-benefiċjarju <sup>(1)</sup></b>	
1. Isem jew identifikatur uniku ta' kull benefiċjarju	
2. Informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju huwiex korp tad-dritt pubbliku jew korp tad-dritt privat	
3. Informazzjoni dwar jekk il-VAT fuq in-nefqa imġarrab mill-benefiċjarju huwiex irrekuperabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT	
4. Id-dettalji ta' kuntatt tal-benefiċjarju	
<b>Data dwar l-operazzjoni</b>	
5. Isem jew identifikatur uniku tal-operazzjoni	
6. Deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni	
7. Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-operazzjoni	
8. Data tal-bidu kif indikata fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	
9. Data tat-tmiem kif indikata fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	
10. Data effettiva meta l-operazzjoni tkun fiżikament ikkompletata jew implimentata kompletament	
11. Korp li joħroġ id-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	
12. Data tal-ħruġ tad-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	
13. Munita tal-operazzjoni	
14. CCI tal-programm(i) li minnu/hom l-operazzjoni hija appoġġata	
15. Tip(i) ta' assistenza materjali indirizzata	Mhux applikabbli għall-OP II
16. Tip(i) ta' azzjonijiet appoġġjati	Mhux applikabbli għall-OP I

<sup>(1)</sup> OP I jirreferi għall-programmi operazzjonali għall-ikel u/jew l-assistenza materjali u OP II jirreferi għall-programmi operazzjonali għall-inklużjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn

17. Kodiċi(jiet) għall-forma tal-finanzjament	
18. Kodiċi(jiet) għall-lokalizzazzjoni	
19. Kwantità ta' ikel mixtri minn korp pubbliku jew organizzazzjoni sieħba, fejn applikabbli	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għal konsenja indiretta ta' ikel, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra
20. Kwantità ta' ikel miksub minn korp pubbliku, fejn applikabbli, skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014, fejn applikabbli	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għal konsenja indiretta ta' ikel, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra
21. Kwantità ta' ikel mogħti lill-organizzazzjonijiet sieħba, fejn applikabbli	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għal konsenja indiretta ta' ikel, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra
22. Kwantità ta' ikel konsenjat lir-riċeventi aħħarin, fejn applikabbli	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għal konsenja indiretta ta' ikel, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra
23. Kwantità ta' assistenza materjali bażika mixtrija minn korp pubbliku jew organizzazzjoni sieħba, fejn applikabbli	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għal konsenja indiretta ta' ikel, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra
24. Kwantità ta' assistenza materjali bażika mogħtija lill-organizzazzjonijiet sieħba, fejn applikabbli	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għal konsenja indiretta ta' ikel, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra
25. Kwantità ta' assistenza materjali bażika mogħtija lir-riċeventi aħħarin, fejn applikabbli	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għal konsenja indiretta ta' ikel, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra
26. Għadd ta' vawċers jew kards (jew strumenti oħra ta' konsenja indiretta) maħruġa	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għall-konsenja diretta ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika
27. Għadd ta' vawċers jew kards (jew strumenti oħra ta' konsenja indiretta) ikkonsenjati lir-riċeventi aħħarin	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għall-konsenja diretta ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika
28. Għadd ta' vawċers jew kards (jew strumenti oħra ta' konsenja indiretta) użati mir-riċeventi aħħarin	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għall-konsenja diretta ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika
29. Ammont totali ta' nefqa ttoppjat fuq vawċers jew kards (jew strumenti oħra ta' konsenja indiretta) ikkonsenjati lir-riċeventi aħħarin	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għall-konsenja diretta ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika
30. Ammont totali ta' nefqa f'vawċers jew kards (jew strumenti oħra ta' konsenja indiretta) użati mir-riċeventi aħħarin	Mhux applikabbli għall-OP II Mhux applikabbli għall-konsenja diretta ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika

<b>Data dwar indikaturi</b>	
31. Titlu tal-indikaturi komuni rilevanti għall-operazzjoni	
32. Identifikatur għall-indikaturi komuni rilevanti għall-operazzjoni	
33. Livell ta' lħuq tal-indikaturi komuni għal kull sena ta' implimentazzjoni jew fit-tmiem tal-operazzjoni	
34. Titlu tal-indikaturi speċifiċi għal kull programm rilevanti għall-operazzjoni	Mhux applikabbli għall-OP I
35. Identifikatur għall-indikaturi speċifiċi għal kull programm rilevanti għall-operazzjoni	Mhux applikabbli għall-OP I
36. Miri speċifiċi għall-indikaturi tal-produzzjoni speċifiċi għal kull programm	Mhux applikabbli għall-OP I
37. Livell ta' lħuq tal-indikaturi tal-output speċifiċi għal programm għal kull sena ta' implimentazzjoni jew fit-tmiem tal-operazzjoni,	Mhux applikabbli għall-OP I
38. Unità ta' kejl għal kull mira ta' output	Mhux applikabbli għall-OP I
39. Linja bażi għall-indikaturi tar-riżultati	Mhux applikabbli għall-OP I
40. Livell ta' mira għall-indikaturi tar-riżultati	Mhux applikabbli għall-OP I
41. Unità ta' kejl għal kull mira u linja bażi tar-riżultati	Mhux applikabbli għall-OP I
42. Unità ta' kejl għal kull indikatur tal-output	
<b>Data finanzjarja dwar kull operazzjoni (fil-munita applikabbli għall-operazzjoni)</b>	
43. Ammont totali tal-kost eliġibbli tal-operazzjoni approvat fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	
44. Ammont totali tal-kostijiet eliġibbli li jikkostitwixxu nefqa pubblika kif definita fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014	
45. Ammont tal-appoġġ pubbliku, kif stipulat fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	
<b>Data dwar pretensjonijiet ta' pagament mill-benefiċjarju (fil-munita applikabbli għall-operazzjoni)</b>	
46. Data tal-irċevuta ta' kull pretensjoni ta' pagament mingħand il-benefiċjarju	
47. Data ta' kull pagament lill-benefiċjarju abbażi ta' pretensjoni ta' pagament	
48. Ammont ta' nefqa eliġibbli fi pretensjoni ta' pagament li tiffirma l-bażi għal kull pagament lill-benefiċjarju	
49. Ammont ta' nefqa pubblika kif definit fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li jikkorrispondi man-nefqa eliġibbli li tiffirma l-bażi għal kull pagament	

50. Ammont ta' kull pagament lill-benefiċjarju abbażi ta' pretensjoni ta' pagament	
51. Id-data tal-bidu tal-verifiki fuq il-post tal-operazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 32(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014	
52. Data ta' awditi fuq il-post tal-operazzjoni skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 u l-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 532/2014 <sup>(2)</sup>	
53. Korp li jagħmel l-awditjar jew il-verifika	
<b>Data dwar in-nefqa fi pretensjoni ta' pagament minn benefiċjarju bbażata fuq kost reali (fil-munita applikabbli għall-operazzjoni)</b>	
54. Nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi tal-kostijiet effettivament imġarrba u mħallsa	
55. Nefqa pubblika kif iddefinit fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li jikkorrispondi għan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita fuq il-bażi tal-kostijiet effettivament rimborżati u mħallsa	
56. Tip ta' kuntratt jekk l-ġhoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> (forniment ta' servizzi/forniment ta' oġġetti) jew id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>	
57. Ammont tal-kuntratt jekk l-ġhoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE jew id-Direttiva 2014/23/UE	
58. Nefqa eliġibbli mġarrba u mħallsa abbażi ta' kuntratt jekk il-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE jew id-Direttiva 2014/23/UE	
59. Proċedura tal-akkwist użata jekk l-ġhoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE jew id-Direttiva 2014/23/UE	
60. Isem jew identifikatur uniku tal-kuntratt jekk l-ġhoti tal-kuntratt huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/23/UE	
<b>Data dwar in-nefqa fi pretensjoni ta' pagament minn benefiċjarju bbażata fuq skali standard ta' kost unitarju (ammonti fil-munita applikabbli għall-operazzjoni)</b>	
61. Ammont tan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi ta' skali standard ta' kost unitarju	
62. Nefqa pubblika kif iddefinit fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li jikkorrispondi għan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi ta' skali standard ta' kost unitarju	
63. Definizzjoni ta' unità li tintuża għall-finijiet tal-iskala standard ta' kost unitarju	
64. Numru ta' unitajiet konsenjati kif indikat fil-pretensjoni ta' pagament għal kull element unitarju	
65. Kost unitarju għal unità waħda, f'kull element unitarju	

<b>Data dwar in-nefqa fi pretensjoni ta' pagament minn benefiċjarju bbażata fuq pagamenti f'somma f'daqqa (ammonti fil-munita applikabbli għall-operazzjoni)</b>	
66. Ammont tan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilit abbażi ta' somom f'daqqa	
67. Nefqa pubblika kif iddefinit fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li tikkorrispondi għan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi ta' somom f'daqqa	
68. Għal kull somma f'daqqa, riżultati tanġibbli (outputs jew riżultati) miftiehma fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ bħala l-bażi għall-iżborż ta' ħlasijiet ta' somom f'daqqa	
69. Għal kull somma f'daqqa, l-ammont maqbul fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	
<b>Data dwar in-nefqa fi pretensjoni ta' pagament mill-benefiċjarju bbażata fuq ir-rati fissi (fil-munita applikabbli għall-operazzjoni)</b>	
70. Ammont tan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilit abbażi ta' rata fissa	
71. Nefqa pubblika kif iddefinit fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li tikkorrispondi għan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi ta' rata fissa	
<b>Data dwar irkupri mill-benefiċjarju</b>	
72. Data ta' kull deċiżjoni ta' rkupru	
73. Ammont ta' appoġġ pubbliku affettwat minn kull deċiżjoni ta' rkupru	
74. Nefqa totali eliġibbli affettwata minn kull deċiżjoni ta' rkupru	
75. Data tal-irċevuta ta' kull ammont imħallas lura mill-benefiċjarju wara deċiżjoni ta' rkupru	
76. Ammont ta' appoġġ pubbliku mħallas lura mill-benefiċjarju wara deċiżjoni ta' rkupru (mingħajr imgħax jew penali)	
77. Nefqa totali eliġibbli li tikkorrispondi mal-appoġġ pubbliku mħallas lura mill-benefiċjarju	
78. Ammont ta' appoġġ pubbliku irrekuperabbli wara deċiżjoni ta' rkupru	
79. Nefqa totali eliġibbli li tikkorrispondi mal-appoġġ pubbliku irrekuperabbli	



<b>Data dwar talba għall-ħlas lill-Kummissjoni (f'EUR)</b>	
80. Data tas-sottomissjoni ta' kull talba għall-ħlas inkluż in-nefqa eliġibbli mill-operazzjoni	
81. L-ammont totali ta' nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarju u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni inkluża f'kull talba għall-ħlas	
82. L-ammont totali tan-nefqa pubblika kif definit fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-operazzjoni inkluż f'kull talba għall-ħlas	
<b>Data dwar kontijiet sottomessi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 (f'EUR)</b>	
83. Data tas-sottomissjoni ta' kull sett ta' kontijiet inkluża n-nefqa fl-operazzjoni	
84. Data tas-sottomissjoni tal-kontijiet li fihom in-nefqa finali tal-operazzjoni hija inkluża wara t-tlestija tal-operazzjoni (fejn in-nefqa totali eliġibbli hija ta' EUR 1 000 000 jew aktar (l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 223/2014))	
85. Ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli tal-operazzjoni mdaħħal fis-sistemi kontabilistiċi tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni li ġie inkluż fil-kontijiet	
86. Ammont totali tan-nefqa pubblika kif definit fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li tkun saret fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni li tikkorrispondi mal-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli rreġistrat fis-sistemi kontabilistiċi tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni li ġie inkluż fil-kontijiet	
87. Ammont totali ta' pagamenti magħmula lill-benefiċjarju skont l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li jikkorrispondi mal-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli rreġistrat fis-sistemi kontabilistiċi tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni li ġie inkluż fil-kontijiet	
88. Nefqa pubblika totali eliġibbli tal-operazzjoni użata matul is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet	
89. Nefqa pubblika totali kif iddefinita fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 li tikkorrispondi man-nefqa pubblika eliġibbli totali użata matul is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet	
90. Nefqa totali pubblika eliġibbli tal-operazzjoni rkuprata matul is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet	
91. Nefqa pubblika totali li tikkorrispondi man-nefqa pubblika eliġibbli totali tal-operazzjoni rkuprata matul is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet	
92. Nefqa pubblika eliġibbli totali tal-operazzjoni li għandha tiġi rkuprata fi tmiem is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet	

93. Nefqa pubblika totali tal-operazzjoni li tikkorrispondi man-nefqa pubblika eliġibbli totali li għandha tiġi rkuprata fi tmiem is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet	
94. Ammont totali eliġibbli tan-nefqa pubblika tal-operazzjoni irrekuperabbli fi tmiem is-sena kontabilistika inkluż fil-kontijiet	
95. Nefqa pubblika totali tal-operazzjoni li tikkorrispondi mal-ammont tan-nefqa pubblika irrekuperabbli fi tmiem is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet“	

(<sup>1</sup>) Il-benefiċjarju jinkludi, fejn applikabbli, korpi oħra li jġarrbu nefqa fl-operazzjoni li jiġi ttrattat bħala nefqa imġarrab mill-benefiċjarju.

(<sup>2</sup>) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 532/2014 tat-13 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 54).

(<sup>3</sup>) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

(<sup>4</sup>) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

## ANNEX II

## "ANNEX

**INDIKATURI KOMUNI GĦALL-PO I U L-PO II****Indikaturi tal-inputs**

- (1) Ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli approvata fid-dokumenti li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjonijiet.
- (2) Ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.  
Li minnu, fejn rilevanti:
  - (a) ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet relatati mal-ikel ipprovdut direttament lil dawk l-aktar fil-bżonn
  - (b) ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet relatati mal-assistenza materjali bażika pprovduta direttament lil dawk l-aktar fil-bżonn
  - (c) ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet relatati mal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika pprovduta indirettament lil dawk l-aktar fil-bżonn, bħal permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra.
- (3) Ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni.  
Din id-*data* għandha tkun espressa f'euro.

**INDIKATURI KOMUNI GĦALL-PO I GĦALL-APPOĠĠ IPPROVDUT DIRETTAMENT LIL DAWK L-AKTAR FIL-BŻONN****Indikaturi ta' output fuq għajjnuna alimentari distribwita <sup>(1)</sup>**

- (4) Kwantità ta' frott u ħaxix.
- (5) Kwantità ta' laħam, bajd, ħut, frott tal-baħar.
- (6) Kwantità ta' dqiq, ħobż, patata, ross u prodotti oħra li fihom il-lamtu.
- (7) Kwantità ta' zokkor.
- (8) Kwantità ta' prodotti tal-ħalib.
- (9) Kwantità ta' xaħam, żejt.
- (10) Kwantità ta' ikel konvenjenti, oġġetti tal-ikel oħrajn (li ma jaqgħux taħt il-kategoriji msemmija qabel).
- (11) Kwantità totali ta' għajjnuna alimentari distribwita.  
Minnhom:
  - (a) sehem tal-ikel li għalih tħallsu biss it-trasport, id-distribuzzjoni u l-ħżin mill-PO (f %);
  - (b) proporzjon ta' prodotti tal-ikel kofinanzjati tal-FEAD fil-volum totali ta' ikel distribwit mill-organizzazzjonijiet sieħba (f %) <sup>(2)</sup>.
- (12) Għadd totali ta' ikliet distribwiti u ffinanzjati parzjalment jew totalment mill-PO <sup>(3)</sup>.
- (13) Għadd totali ta' pakketti tal-ikel distribwiti u ffinanzjati parzjalment jew totalment mill-PO <sup>(4)</sup>.

**Indikaturi tar-risultat dwar l-ghajjnuna alimentari distribwita <sup>(5)</sup>**

- (14) Għadd totali ta' persuni li jirċievu l-ghajjnuna alimentari.  
Minnhom:
- (a) għadd ta' tfal ta' 15-il sena jew inqas;
  - (b) għadd ta' persuni ta' 65 sena jew aktar;
  - (c) għadd ta' nisa;
  - (d) għadd ta' migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoritajiet (inkluż komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom);
  - (e) għadd ta' persuni b'diżabbiltajiet;
  - (f) għadd ta' persuni mingħajr dar.

**Indikaturi ta' output dwar assistenza materjali bażika distribwita**

- (15) Valur monetarju totali tal-oġġetti distribwiti.  
Minnhom:
- (a) valur monetarju totali tal-oġġetti għat-tfal;
  - (b) valur monetarju totali tal-oġġetti għall-persuni bla dar;
  - (c) valur monetarju totali tal-oġġetti għal gruppi oħra fil-mira.
- (16) Lista tal-aktar kategoriji rilevanti ta' oġġetti distribwiti lit-tfal <sup>(6)</sup>:
- (a) layette;
  - (b) basktijiet tal-iskola;
  - (c) kartolerija, pitazzi, pinen, materjal tat-tpinġija u materjal ieħor meħtieġ fl-iskola (mhux tal-ħwejjeġ);
  - (d) tagħmir sportiv (żraben tal-isport, leotard, malja tal-għawm. eċċ);
  - (e) ħwejjeġ (kowl tax-xitwa, xedd is-saqajn, uniformi tal-iskola, eċċ);
  - (f) kategorija oħra — li trid tiġi speċifikata
- (17) Lista tal-aktar kategoriji rilevanti ta' oġġetti mqassma lil persuni mingħajr dar <sup>(6)</sup>:
- (a) basktijiet tal-irqad/kutri;
  - (b) tagħmir tal-kċina (borom, twaġen, pużati, eċċ);
  - (c) ħwejjeġ (kowl tax-xitwa, xedd is-saqajn, eċċ);
  - (d) bjankerija (xugamani, friex);
  - (e) oġġetti tal-iġjene (kaxxa għall-ewwel ghajjnuna, sapun, xkupilja tas-snien, xafra tal-leħja mhux riutilizzabbli, eċċ);
  - (f) kategorija oħra — li trid tiġi speċifikata.
- (18) Lista tal-aktar kategoriji rilevanti ta' oġġetti distribwiti lil gruppi oħra fil-mira <sup>(6)</sup>:
- (a) kategoriji oħra li jrid jiġu speċifikati.

**Indikaturi tar-risultat dwar assistenza materjali bażika distribwita <sup>(5)</sup>**

- (19) Għadd totali ta' persuni li jirċievu assistenza materjali bażika.  
Minnhom:
- (a) għadd ta' tfal ta' 15-il sena jew inqas;
  - (b) għadd ta' persuni ta' 65 sena jew aktar;
  - (c) għadd ta' nisa;
  - (d) għadd ta' migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoritajiet inkluż komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom;
  - (e) għadd ta' persuni b'diżabbiltajiet;
  - (f) għadd ta' persuni mingħajr dar.

**INDIKATURI KOMUNI GĦALL-PO I GĦALL-APPOĠĠ IPPROVDUT INDIRETTAMENT LIL DAWK L-AKTAR FIL-BŻONN, BĦAL PERMEZZ TA' VAWĊERS, KARDS JEW STRUMENTI OĦRA****Indikaturi tar-riżultati fuq appoġġ distribwit permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra <sup>(5)</sup>**

(19bis) Għadd totali ta' persuni li jirċievu appoġġ permezz ta' vawċers, kards jew strumenti oħra ta' konsenja indiretta

Minnhom:

- (a) għadd ta' tfal ta' 15-il sena jew inqas;
- (b) għadd ta' persuni ta' 65 sena jew aktar;
- (c) għadd ta' nisa;
- (d) għadd ta' migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoritajiet (inkluż komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom);
- (e) għadd ta' persuni b'diżabbiltajiet;
- (f) għadd ta' persuni mingħajr dar.

**INDIKATURI KOMUNI GĦALL-PO II****Indikaturi ta' output dwar l-assistenza għall-inklużjoni soċjali**

(20) Għadd totali ta' persuni li jirċievu assistenza għall-inklużjoni soċjali.

Minnhom:

- (a) għadd ta' tfal ta' 15-il sena jew inqas;
- (b) għadd ta' persuni ta' 65 sena jew aktar;
- (c) għadd ta' nisa;
- (d) għadd ta' migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoritajiet (inkluż komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom);
- (e) għadd ta' persuni b'diżabbiltajiet;
- (f) għadd ta' persuni mingħajr dar.

Din id-*data* għall-PO II hija *data* personali skont l-Artikolu 7 tad- Direttiva 95/46/KE. L-ipproċessar tagħha jkun meħtieġ għall-konformità mal-obbligu legali li għaliha l-kontrollur huwa soġġett (Artikolu 7(c) tad-Direttiva 95/46/KE). Għad-definizzjoni ta' kontrollur, ara l-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE.“

<sup>(1)</sup> L-indikaturi (4) sa (11) jinkludu kwalunkwe forma ta' dawn il-prodotti eż. oġġetti tal-ikel friski, fil-laned u ffriżati u għandhom jiġu espressi f'tunnellati.

<sup>(2)</sup> Il-valuri għal dan l-indikatur għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' stima informata tal-organizzazzjonijiet sieħba.

<sup>(3)</sup> Id-definizzjoni ta' x'għandu jinftehem bħala ikla tista' tingħata fil-livell ta' organizzazzjoni sieħba/awtorità operatorja/maniġerjali. Il-valuri għal dan l-indikatur għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' stima mill-organizzazzjonijiet sieħba.

<sup>(4)</sup> Id-definizzjoni ta' x'għandu jinftehem bħala pakkett tal-ikel tista' tingħata fil-livell ta' organizzazzjoni sieħba/awtorità operatorja/maniġerjali. Il-pakketti ma għandhomx bżonn ikunu standardizzati fid-daqs jew l-kontenut. Il-valuri għal dan l-indikatur għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' stima mill-organizzazzjonijiet sieħba.

<sup>(5)</sup> Il-valuri għal dawn l-indikaturi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-istima informata tal-organizzazzjonijiet sieħba. La huwa mistenni u lanqas meħtieġ li jkunu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mir-riċeventi aħħarin.

<sup>(6)</sup> Il-lista għandha tinkludi l-kategoriji kollha rilevanti li jkopru mill-inqas 75 % tal-oġġetti distribwiti.